# Faċli biex taqra - Rapport ta' bBrave dwar bullying fuq il-post tax-xogħol f'Malta

Verżjoni 1 – 17 ta' Novembru 2023

| | |
|---|---|
|  | Dan id-dokument sar biex jispjega s-sitwazzjoni preżenti tal-bullying fuq il-post tax-xogħol f'Malta. |
|  | Il-bullying huwa meta xi ħadd jittrattak ħażin jew ikun kattiv miegħek apposta. Kulħadd jista' jiġi bullied. |
|  | In-nies normalment jiġu bullied għaliex ikunu differenti minn nies oħra. |

| | |
|---|---|
|  | Xi ħadd jista’ jibbuljak billi:<br>● isejjaħlek ismijiet li jimbarazzawk<br>● itik daqqiet<br>● jagħtik bis-sieq<br>● jisraqlek l-affarijiet<br>● jibgħatlek messaġġi biex ibeżżgħak<br>● iġiegħlek tagħmel affarijiet li ma tridx tagħmel<br>● iħallik barra minn attivitajiet. |
|  | Il-bullying mhix xi ħaġa li tiġri darba iżda huwa xi ħaġa li tiġri ta’ spiss. |
|  | Il-bullying fuq il-post tax-xogħol iseħħ biex il-bully juri li għandu aktar saħħa minnek. |
|  | Normalment, wieħed ikun ibbuljat minn xi ħadd li jkun f’pożizzjoni ogħla minnu. Eżempju diretturi, managers, supervisors, eċċ. |

| | |
|---|---|
| | |
|  | Dan l-istudju sar permezz ta' numru ta' intervisti ta' persuni fi gruppi u surveys online. |
|  | F'dan l-istudju ħadu sehem madwar 2,400 persuna. |
|  | 1,536 parteċipant emmnu li l-bullying jeżisti fuq il-post tax-xogħol. |
|  | 1,344 parteċipant raw bullying jiġri fuq il-post tax-xogħol tagħhom. |
|  | 960 parteċipant ġew ibbuljati matul l-aħħar sena fuq il-post tax-xogħol tagħhom. |

| | |
|---|---|
|  | Mid-960 parteċipant, 480 parteċipant jesperjenzaw bullying kuljum. |
|  | Inqas minn nofs id-960 parteċipant qalu li l-bullying fuq il-post tax-xogħol tagħhom seħħ fl-ewwel 6 xhur tal-impjieg. |
|  | Mill-parteċipanti li ġew ibbuljati, aktar minn nofshom qalu li l-persuna li bbuljathom kienet f'pożizzjoni tar-responsabilita' fuqhom. |
|  | Skont il-parteċipanti, l-aktar tip komuni ta' bullying ma kienx fiżiku iżda kien bullying emozzjonali. |
|  | Il-bullying emozzjonali huwa meta xi ħadd:<br>• iwaqqgħak għaċ-ċajt<br>• jinjorak |

| | |
|---|---|
| | • iħallik barra minn attivitajiet<br>• jgħajjat miegħek<br>• jittrattak bħal tifel/tifla |
|  | Mid-960 parteċipant li ġew ibbuljati, madwar 662 qalu li ġew ibbuljati minħabba raġunijiet ta' xogħol. |
|  | Il-bullying jista' jiġri fuq persuna minħabba:<br>• Li tkun mistħija<br>• Li tkun differenti minn nies oħra<br>• Li tkun iġġudikata bħala persuna għażżiena |

| | |
|---|---|
| | • Li tkun gay<br>• Opinjonijiet differenti fuq politika<br>• Età<br>• Li tkun mara<br>• Li tkun immigranta jew minn pajjiż differenti<br>• Li jkollha diżabilità |
|  | 700 parteċipant qalu li l-bullying ikkawżalhom aktar stress. |
|  | Madwar 556 parteċipant qalu li l-bullying ikkawżalhom aktar problemi ta' saħħa mentali. |
|  | 374 parteċipant qalu li l-bullying wassalhom biex iweġġgħu lilhom infushom jew saħansitra anke jaħsbu biex itemmu ħajjithom. |

| | |
|---|---|
|  | 432 parteċipant qalu li kellhom problemi ta’ saħħa fiżika minħabba li ġew ibbuljati. Eżempju, problemi tal-qalb, raxx tal-ġilda u problemi fl-istonku. |
|  | 432 parteċipant qalu li kellhom inqas ħeġġa biex jaħdmu minħabba li ġew bullied. |
|  | 355 parteċipant qalu li telqu minn xogħolhom jew ippjanaw li jitilqu minħabba li ġew bullied. |
|  | Il-bullying jista' jkollu effett fuq l-ambjent tal-post tax-xogħol ukoll. |
|  | Eżempju:<br>• ma jagħmlux xogħolhom sew<br>• jieħdu aktar sick leave<br>• jitilfu ħaddiema |

| | |
|---|---|
| | • il-kumpanija tispiċċa tħallas aktar flus għas-saħħa tal-ħaddiema li qed jiġu bullied’ |
|  | Dawn huma kollha eżempji li jistgħu jħammġu l-isem tal-kumpanija. |
|  | Wieħed jista’ jibbulja persuna oħra biex juri li għandu aktar saħħa fuqha. |
|  | Għira, tpattija u l-mibegħda huma eżempji ta’ għaliex persuna tista’ tibbulja lil ħaddieħor. |
|  | Xi drabi l-bullying jista’ jseħħ bħala ċajta. |
|  | Persuna tista’ tkun qed tibbulja lil persuna oħra mingħajr ma tkun taf li qed tweġġa’ lil dik il-persuna. |

| | |
|---|---|
|  | 556 parteċipant qalu li ma rrappurtawx lill-imgħallmin tagħhom dwar il-bullying li qed iseħħ fuq il-post tax-xogħol. |
|  | 480 parteċipant qalu li fittxew l-għajnuna minn professjonisti, l-imgħallmin tax-xogħol jew mill-familja u ħbieb. |
|  | F'din ir-riċerka, il-parteċipanti ħarġu b'suġġerimenti dwar kif twaqqaf il-bullying fuq il-post tax-xogħol. |
|  | Xi parteċipanti ssuġġerew li l-pubbliku għandu jkun jaf eżatt xi jfisser bullying. |

| | |
|---|---|
|  | Il-ħlas (kastig) tal-bullying għandu jkun l-istess bħallikieku huwa att kriminali. Persuna tista’ tintbagħat il-ħabs. |
|  | Il-parteċipanti ssuġġerew li għandu jkun hemm aktar informazzjoni fuq il-bullying. |
|  | Il-post tax-xogħol għandu jkollu dokumenti li jqajmu għarfien dwar il-bullying fuq il-post tax-xogħol. |
|  | Għandu jkun hemm taħriġ dwar:<br>• kif tagħraf li qed iseħħ bullying<br>• kif tirrapporta l-bullying<br>• x’sapport hemm għal dawk li qed jesperjenzaw bullying |

| | |
|---|---|
|  | Din ir-riċerka tissuġġerixxi li l-bullying fuq il-post tax-xogħol MA GĦANDUX jiġi aċċettat bl-ebda mod. |
|  | Fuq il post tax-xogħol, għandu jkun hemm dipartiment li jkun responsabbli li jirċievi rapporti ta' bullying u jieħu azzjoni dwarhom. |
|   | Din ir-riċerka tissuġġerixxi li l-imgħallmin għandhom jieħdu ħsieb is-saħħa tal-ħaddiema tagħhom. Dan inaqqas iċ-ċans ta' bullying fuq il-post tax-xogħol. |
|  | Din ir-riċerka tissuġġerixxi li għandu jkun hemm taħriġ dwar il-bullying fuq il-post tax-xogħol. |

| | |
|---|---|
|  | Skont ir-riċerka, il-parteċipanti li esperjenzaw bullying ma emmnux li l-imgħallmin tagħhom setgħu jagħtuhom sapport u li jwaqqfu l-bullying li kienu qed jaffaċċjaw. |
|  | Biex tirranġa din il-problema, hemm bżonn ta' aktar servizzi li jgħinu l-persuni li qed jiġu bullied kif ukoll jagħtuhom informazzjoni dwar min jista' jagħtihom sapport. |
|  | Suġġeriment ieħor huwa li għandu jkun hemm aktar riċerka dwar il-bullying. |
|  | Din ir-riċerka turi li meta jkun hemm ambjent tax-xogħol tajjeb, iktar hemm ċans li jitwaqqaf il-bullying fuq il-post tax-xogħol. |

| | |
|---|---|
|  | Madankollu, il-gvern għandu rwol importanti f'dan. Il-gvern irid:<br>• jagħmel liġijiet ġodda<br>• iqajjem kuxjenza dwar il-bullying<br>• iqajjem kuxjenza dwar is-sapport li hemm  għal dawk li qed jesperjenzaw il-bullying. |